TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Sergio Banavage

vs

Antoine Portelli - API Contractors

3 ta' April 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tal-attur ipprezentat fl-21 ta' Gunju 2016, fejn talab ir-rifuzjoni ta' elf Euro (€1,000) ghal xoghol ta' tqeghid ta' madum u xoghol iehor ancillari, ikkumissjonat mill-attur u li baqa' ma sarx nonostante li l-istess attur ipprova kemm il-darba jaghti opportunita' lill-konvenut sabiex iwettaq l-appalt ikkummissjonat.

Ra illi l-konvenut, debitament notifikat, ma dahhal ebda risposta.

Ra l-verbal tat-23 ta' Jannar 2017 fejn deher il-konvenut u iddikjara li m'ghandux bzonn ta' difensur u li l-attur kellu ragun f'hafna affarijiet illi qal u cjoe li r-rikorrent kien cempillu diversi drabi anke baghatlu messagi li baqghu mhux imwiegba.

Sema l-attur bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti tal-kawza.

Ikkunsidra:

Illi jidher illi mhux kontestat illi l-attur hallas lill-konvenut, f'Awwissu 2014, l-ammont ta' elf Euro (€1,000) ghal xoghol f'terrazin li kien jikkonsisti fil-qlugh tal-madum u torba u tqeghid ta' l-istess.

Illi x-xoghol kellu jibda f'Settembru tat-2015. Il-konvenut gie darba f'Ottubru u ma regax gie wara. Nonostante li dahlet ix-xitwa u bdiet taghmel ix-xita u nonostante l-ilmenti tal-girien u insistenza tal-attur biex jkompli x-xoghol, il-konvenut qatt ma tfacca. L-attur kellu jqabbad lil haddiehor sabiex ikompletalu x-xoghol, pero xorta wahda offra lill-konvenut xoghol ta' tqeghid ta' madum fil-kamra tal-banju biex ma jitlobx l-elf Euro lura. Izda anki hawnhekk il-konvenut ma

kienx tal-kelma u dan ix-xoghol fil-kamra tal-banju baqa' ma sarx. Ghalhekk l-attur iddecieda illi jitlob flusu lura, izda mhux qabel ma rrikorra ghand l-ufficju tal-Konsumatur f'April 2016; izda anke hawn ma sabx il-kooperazjoni tal-konvenut. Fl-ahhar kellu jadixxi lil dan it-Tribunal.

Ikkunsidra

Illi it-Tribunal ma jsib l-ebda raguni il-ghala ghandu jiddubita minn din il-versjoni tal-attur, li barra li ma kenitx kontestata, hija wahda veritjiera u turi illi l-attur ghamel minn kollox sabiex jaghti x-xoghol lill-konvenut u ma jkollux ghalfejn jadixxi xi Qorti jew Tribunal. Il-konvenut, min-naha l-ohra ma zammx kellmtu u ma kkoperax mal-attur u l-anqas mal-ufficju tal-Konsumatur, ghad li quddiem dan it-Tribunal il-konvenut iddikjara illi f'hafna minn dak li qal l-attur, kien korrett.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jilqa' t-talba, jikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' elf Euro (€1,000) ghar-ragunijiet fuq imsemmija. Bl-ispejjes kontra l-istess konvenut.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru